inkompetenza minħabba l-privileġġ invokat mill-konvenut, u peress li ebda eċċezzjoni oħra fil-mertu ma ngħatat għaliex il-konvenut qatt ma kien preżenti għall-ebda seduta li saret; u peress li l-azzjoni ta' l-attur tidher ġustifikata, tikkundanna lill-konvenut li jħallas lill-attur *nomine* s-somma ta' tnejn u ħamsin lira u ħamsin ċenteżmu (Lm52.50c0) għar-raġunijiet imsemmija fiċ-ċitazzjoni; bl-ispejjeż kontra l-konvenut.

---

**30 ta' Jannar, 1989**

**Imħallef: –**

**Onor. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D.**

Charles u Frances konjugi Bellizzi

*versus*

Paul Borg

***Promissory Note* – *Pagherò* – Titolu ta' Kreditu**

*Il-biljett negozzjabbli jew promissory note għandu jkun fih id-data, is-somma li għandha titħallas, l-isem tal-persuna li favur tagħha jew għall-ordni tagħha huwa ffirmat, iż-żmien li fih għandu jsir il-ħlas, u l-valur mogħti fi flus, f'merkanzija, b'akkont jew xort'oħra.*

*Il-frażi promissory note hija traduzzjoni tal-kelma pagherò fl-oriġinal tat-test Taljan.*

*Għalkemm il-frażi "titoli ta' kreditu" hija użata ta' spiss fil-ġurisprudenza tagħna, il-kodiċijiet tagħna m'għandhomx ir-regolamentazzjoni ta' dawn il-mezzi kummerċjali importanti.*

Iċ-ċitazzjoni tar-Reġistratur taqra hekk:

Peress illi l-atturi xtraw lampa mingħand il-konvenut bil-prezz ta' Lm340 liema lampa ġiet deskritta bħala antika; peress illi wara rriżulta li din il-lampa ma kenitx antika u ġiet irritornata lill-konvenut; peress illi l-konvenut mitlub biex jirrifondi l-imsemmi prezz baqa' inadempjenti; talbu għalhekk l-atturi għaliex dina l-Qorti m'għandhiex:

1. Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur s-somma ta' Lm340 għar-raġunijiet premessi;

Bl-ispejjeż kontra l-konvent inklużi dawk ta' l-ittra interpellatorju tas-7 ta' Frar 1987, li huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Fil-mertu, il-konvenut eċċepixxa li huwa qatt ma ddeskriva l-lampa mixtrija mill-attur bħala "antika" u meta l-atturi rritornawha għandu huwa tahom *"credit note"* li huma aċċettaw, għal-liema raġunijiet l-azzjoni attriċi mhix fondata fil-fatt u fid-dritt;

L-aġir tal-konvenut jeskludi n-neċessità ta' indaġini biex jiġi stabbilit jekk il-lampa li huwa biegħ lill-atturi kellhiex ikollha l-kwalità ta' "antika", għaliex kienet x'kienet ir-raġuni, jibqa' l-fatt li l-oġġett kien ilu rritornat, huwa aċċettah u rrilaxxja favur l-atturi, biljett tad-ditta tiegħu *"The Strand Antiques"* ta' 45,

The Strand Sliema, li fuq id-dahar ta' l-istess biljett inkitbu l-kliem *"Credit note Lm340"* u hemm ukoll l-inizjali tal-konvenut – Dokument A. Il-konvenut qiegħed jistrieħ fuq dan id-dokument biex jirreżisti t-talba ta' l-atturi billi jinsisti li huwa m'għandux b'daqshekk iħallashom tliet mija u erbgħin lira (Lm340), iċ-ċifra li tidher fuq l-istess *credit note* iżda li huma għandhom b'daqshekk id-dritt li jixtru mingħandu oġġett jew oġġetti ta' l-istess valur;

L-ewwel kwistjoni quddiem il-Qorti għalhekk tirrigwarda l-portata ġuridika tad-Dokument A rrilaxxjat mill-konvenut li huwa sejjaħ *credit note*. L-artikolu 261 tal-Kodiċi tal-Kummerċ – Kap. 13 jiddisponi hekk:

(1) Il-biljett negozzjabbli jew *promissory note* għandu jkun fih id-data, is-somma li għandha titħallas, l-isem tal-persuna li favur tagħha jew għall-ordni tagħha huwa ffirmat, iż-żmien li fih għandu jsir il-ħlas, u l-valur mogħti fi flus, f'merkanzija, b'akkont, jew xort'oħra;

(2) Il-biljett negozzjabbli jew *promissory note* jista' jkun li jitħallas lill-purtatur;

Il-frażi *promissory note* hija traduzzjoni tal-kelma *pagherò* fl-oriġinal tat-*test* Taljan ta' l-artikolu 244 ta' l-Ordinanza XIII ta' l-1857;

Għalkemm il-frażi "titoli ta' kreditu" hija użata ta' spiss fil-ġurisprudenza tagħna, il-kodiċijiet tagħna m'għandhomx ir-regolamentazzjoni ta' dawn il-mezzi kummerċjali importanti, bħal ma hemm, per eżempju, fil-Codice Civile ta' l-Italja ta' l-1942 fejn l-artikoli 1992 sa l-2027 taħt it-titolu *"Dei titoli di*

*credito"* jiddixxiplinaw ampjament dan l-istitut;

Il-Qorti hija tal-fehma illi d-dokument A għandu, jekk mhux direttament imma indirettament per analoġija, jiġi kkunsidrat bħala *pagherò* u għalhekk għandu jiġi rregolat mid-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 260 u 261 tal-Kodiċi tal-Kummerċ Kap. 13;

*Dan ġie kollu premess biex jiġi spjegat a bażi ta' liema* konsiderazzjonijiet il-Qorti ma tistax taċċetta d-Dokument A bħala titolu ta' kreditu f'idejn l-attur. Huwa nieqes, difatti minn elementi essenzjali għal kull titolu ta' din ix-xorta, billi m'għandux id-data ta' meta ġie rrilaxxjat, kif irid l-artikolu 261(1) tal-Kodiċi tal-Kummerċ. In-nuqqas tad-data meta għandu jsir il-pagament mhux vitali nkwantu l-artikolu 180 ta' l-istess Kodiċi – applikabbli għall-*pagherò* bid-dispost ta' l-artikolu 260 – jissupplixxi għan-nuqqas, u fl-assenza ta' *dik id-data, il-*pagament għandu jsir a vista; imma l-assenza ta' l-ewwel data hija fatali;

Id-dokument A għalhekk ma jistax jikkwalifika bħala titolu negozjabbli jew *pagherò* imma skond il-ġurisprudenza d-dokument iservi mhux biss bħala prova, imma jservi bħala l-obbligazzjoni ta' bejn il-partijiet:

*"Che la cambiale, tratta il 26 maggio 1896, ed accettata dal convenuto non è firmata dal traente, e mancando di tale estremo essenziale, essa non può riputarsi come un titolo trasferibile per girata,* ***ma è valida come una obbligazione civile o commerciale, seconda la sua natura";***

App. 6-3-1912 – Dr. Ugo Mifsud *noe vs* Antonio

Giacomotto;

L-obbligazzjoni li ħolqu l-partijiet, wara li xoljew il-vendita tal-lampa, hija fis-sens li l-attur huwa kreditur tal-konvenut fis-somma ta' tliet mija u erbgħin lira kif hemm fuq id-dokument A. Jgħid l-attur:

''Il-konvenut ħadha lura l-lampa.....tani *voucher,* biljett u qalli li issa x'ħin inkun komdu mmur hemmhekk u nagħżel xi ħaġa oħra minflokha. Dan il-biljett jew biċċa karta, jiena ħadtha;

Jiena mort għand il-konvenut però qatt ma għoġobni xejn.....Jiena lill-konvenut qatt ma talbtu l-flus meta ma għoġobni xejn għaliex hu dejjem kien jgħidli ''Ejja għażel xi ħaġa oħra u jiena kont immur, però baqa' m'għoġobni xejn. Jiena qatt ma tlabtu li nieħu l-flus lura''.....(xiehda tat- 3 ta' Diċembru 1988);

*Omissis;*

Il-Qorti qed tifhem li l-konvenut jippretendi li din l-obbligazzjoni tfisser illi l-attur huwa obbligat li jixtri mingħandu xi oġġett jew oġġetti sal-valur ta' tliet mija u erbgħin lira (Lm340) prezz diġà mħallas lilu u qiegħed f'idejh;

Il-partijiet ma spjegawx lill-Qorti x'inhuma sewwa l-pretensjonijiet rispettivi tagħhom, oltre dak li għadu kif ġie riprodott, u la wieħed u lanqas l-ieħor ma ndikaw raġunijiet għaliex għandha tipprevali l-pretensjoni ta' wieħed jew ta' l-ieħor;

Il-Qorti ma tistax tiqs li l-obbligazzjoni ta' bejn il-partijiet

hija xi kwalità ta' bejgħ, għaliex kull vendita jrid ikollha oġġett determinat jew determinabbli: artikoli 1346, 1348, 1349, 1350 u 1351 tal-Kodiċi Ċivili. L-oġġett jew oġġetti, f'dan il-każ, huma *soġġetti għal għażla* tal-kompratur u dion l-għażla mhix vinkolata b'ebda mod, tant illi jekk il-kompratur ma jogħġbu xejn, jista' ma jagħżel xejn. Jekk bejn il-partijiet m'hemmx bejgħ, xorta waħda però l-oġġett ta' obbligazzjoni jrid ikun determinat jew determinabbli – artikolu 983 tal-Kodiċi Ċivili u xorta waħda d-definizzjoni ta' l-oġġett tibqa' tiddependi mill-għażla tal-kreditur, liema għażla jista' ma jeżerċitahiex, u obbligazzjoni soġġett għall-kondizzjoni ta' din ix-xorta, li tiddependi biss mir-rieda ta' min qed jobbliga ruħu li jagħmel l-għażla kif jidhirlu, hija nulla, kif inevitabbilment jiddisponi l-artikolu 1056(1) tal-Kodiċi Ċivili;

Il-Qorti qed tuża l-espressjoni "inevitabbilment" għaliex infatti l-konvenut f'din il-kawża ma jistax jippretendi li l-obbligazzjoni li huwa jikkonsenja lill-attur oġġett jew oġġetti li dan jista' jagħżel sal-valur ta' Lm340 tibqa' miftuħa "*ad infinitum*", għaliex l-istess attur ma jagħmilx *l-għażla ta' l-oġġett* jew oġġetti, għaliex xejn ma jkun għoġbu. U lanqas ma jista' jippretendi li l-attur huwa b'xi mod obbligat li xi oġġett jew oġġetti li l-konvenut ikollu, iridu bil-fors jogħġbu lill-attur u li dan jagħżilhom;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti ma tistax tadotta ebda soluzzjoni oħra ħlief dik li tikkunsidra l-biljett – dokument A – bħala l-obbligazzjoni nfisha li biha l-konvenut irrikonoxxa ruħu debitur fis-somma hemm indikata ta' Lm340, u dan fuq l-iskorta direzzjonali traċċjata fil-kwotata sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell ta' l-1912;

Għaldaqstant il-konvenut huwa kkundannat li jħallas lill-attur is-somma ta' tliet mija u erbgħin lira (Lm340) għas-sodisfazzjon tad-debitur minnu rrikonoxxut – kif spjegat;

L-ispejjeż minħabba l-aspett anki pjuttost ġdid tal-kwistjoni jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet imma d-dritt tar-reġistru jħallsu l-konvenut. L-interessi jiddekorru millum.